MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Numru. 1295/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**

**VS**

**IVAN SPITERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ivan Spiteri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 443778 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar il-11 t'April, 2012, ghal habta tas-sitta u nofs ta` filghaxija (18:30hrs) u fil-hinijiet ta` qabel minn gewwa Triq il-Korsa, Marsa, u minn bnadi ohra fil-gzejjer Maltin, ikkommetta serq ta` *credit cards* u flus kontanti, liema serq huwa aggravate bil-'valur';

U aktar talli fl-istess lok, data u hin mill-A.T.M. tal-Bank H.S.B.C, Marsa, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta` aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-deteriment ta` l-istess Keith Grech.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li titratta lill-imputat bhala recidiv ai termini ta` l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b'sentenza ta` reati maltin, liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi prodotti u semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dina l-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2)

ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti tordna lill-imputat ihallas is-somma hekk likwidata ta` elf u tmien mitt Ewro (€1, 800) lil parte civile fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------